# Il-Parroċċa ta' Birkirkara bejn l-1789 u l-1839

**Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.**

*F'dan l-artiklu ser nagħti tagħrif dwar il-Kolleġġjata u l-Parroċċa Elenjana, li l-parti l-kbira minnu ma ġiex ippubblikat f'artikli miktuba minni fil-ktieb tal-festa maħruġ mill-Parroċċa bejn l-1975 u 2015 jew f'xi kitba oħra tiegħi b'rabta ma' Birkirkara.*

*Dawn kienu ħamsin sena (1789-1839) tassew interessanti fl-istorja ta' Malta, li fihom il-gżejjer tagħna raw tliet saltniet, jiġifieri, l-aħħar snin tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann (1789-1798), il-ħakma Franċiża (1798-1800) u l-ewwel snin tal-ħakma Ingliża (1800-1839).*

*Fl-1779 bdiet ir-rivoluzzjoni Franċiża li spiċċat faqqret l-Ordni. F'Ġunju tal-1798 seħħet l-invażjoni Franċiża ta' Malta u wara reżistenza dgħajfa, fit-12 ta' Ġunju, il-gżejjer għaddew f'idejn il-Franċiżi. F'Settembru tal-1798, fil-kampanja beda l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi li wassal għall-imblokk ta' dawn fl-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir. F'Settembru 1800 bdiet il-ħakma kolonjali Ingliża. Fl-1813 kellna mxija qerrieda tal-pesta li karkret sal-1814 waqt li fl-1837 kellna l-imxija tal-kolera.*

F'dan il-perjodu, fil-Kolleġġjata Elenjana kien għadu kif żdied in-numru ta' kanonikati, li minn tlettax saru sbatax. Dan seħħ permezz tal-fundazzjoni Pierina li twaqqfet mill-Kanonku Dun Perin Borg (1708-1788). Insibu li l-Kapitlu Elenjan għamel talba għall-użu tas-Salib Pettorali. Matul dal-perjodu ta' ħamsin sena (1789-1839) mietu diversi kanonċi u saru oħrajn minflokhom. Inħatru wkoll Prokuraturi ġodda. Insibu wkoll li minbarra l-festa ta' Sant'Elena bdiet tiġi ċċelebrata b'ċerta solennità l-festa tal-Madonna tad-Duttrina.

Matul dan l-istess perjodu, il-kura tal-erwieħ kienet f'idejn ħames Preposti Arċiprieti li kienu dawn li ġejjin: Dun Ġużepp Vassallo, Dun Ġwann Xuereb, il-Kan. Dun Pietru Pawl Micallef (1790-1806), il-Kan. Dun Franġisk Sammut (1807-1832) u l-Kan. Dun Ġużepp Debono (1833-1852).

Il-limiti tal-Parroċċa Elenjana matul dawn is-snin kienu kbar għax minbarra Birkirkara proprja, fil-limiti tal-Parroċċa kien hemm ukoll it-territorju fejn illum hemm il-Parroċċi ta' Fleur-de-Lys u Santa Venera, parti mit-territorju tal-Ħamrun u t-territorju kollu fejn illum hemm il-Parroċċi tal-Imsida, Ta' Xbiex, Tas-Sliema kollha, San Ġiljan, Pembroke, l-Ibraġ, San Ġwann u s-Swatar.

**Popolazzjoni**

Fil-perjodu bejn l-1789 u l-1839 ma kinux għadhom bdew isiru ċensimenti mill-Gvern. Iżda xorta waħda nistgħu nieħdu idea tal-popolazzjoni tal-Parroċċa Elenjana mill-i*Status Animarum* li kien iżomm il-Prepostu Arċipriet:

**1802** – 3810;[1]
**1809** – 4200;[2]
**1811** – 4511;[3]
**1820** – 5000.[4]

Wieħed irid jinnota wkoll li l-parti l-kbira tal-popolazzjoni kienet residenti f'Birkirkara proprja. Iżda sal-1830 kienu bdew jinbtu komunitajiet fl-Imsida, f'Tas-Sliema u f'San Ġiljan.

**1789: Viżta Pastorali – Kapitlu Elenjan – Kanonċi tal-Fundazzjoni Pierina**

Fil-21 ta' Diċembru 1789, l-Isqof Vincenzo Labini għamel Viżta Pastorali fil-Parroċċa ta' Birkirkara. Mill-Atti tal-Viżta jirriżulta li l-Kapitlu Elenjan issa kien magħmul minn sbatax-il kanonikat għaliex issa kienu żdiedu dawk tal-fundazzjoni Pierina li kienu twaqqfu mal-Kan. Dun Perin Borg. Dawn kienu ż-żewġ dinjitajiet ta' Kantur u Teżorier u ż-żewġ kanonikati ta' Penitenzier u Teologu. Fil-fatt, f'Diċembru 1789, il-Kapitlu kien magħmul hekk:



*Kan. Perin Borg*

**Prepostu Arċipriet** - Dun Ġużepp Vassallo, **Kantur** - Dun Manwel Charbon (Carbon), **Teżorier** - Dun Saver Pace, **Kanonċi** - Ġwakkin Ciantar, Feliċ Borg, M. A. Debono, Ġwakkin Gauci, Ġwann Borg, Ġużepp Fenech, Franġisk Debono, Orazju Xiberras, Ġwann Spiteri, Andrea Borg, Ġużepp Ġatt, **Penitenzier** – Pietru Gatt, **Teologu** - Kjeriku Tumas Carbon.

Mill-Atti tal-istess Viżta Pastorali nafu li l-Parroċċa kellha bħala Vigarju lil Dun Feliċ Calleja. Dan kien jgħin lill-Prepostu Arċipriet. Fl-istess Viżta saru dawn il-ħatriet:

1 A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili),Viżta Pastorali Labini 1802, f. 100v.
2 Ibid., Viżta Pastorali Mattei 1809, f. 281v.
3 Ibid., Viżta Pastorali Mattei 1811, f. 101r.
4 Ibid., Viżta Pastorali Mattei 1820, f. 145v.

**Prokuratur tal-knisja tal-Vitorja:** Kan. Ġwakkin Ciantar;
**Prokuratur tal-knisja ta' Santu Rokku:** Kan. Ġużepp Borg;
**Prokuratur tal-knisja ta' San Anard (Minsija):** Kan. Ġużepp Borg;
**Puntatur tal-Kor:** Kan. Ġwakkin Ciantar.[5]

**Il-Kwadru ta' Santa Klara**

Kien waqt l-istess Viżta Pastorali tal-1789 li l-Kapitlu Elenjan ressaq petizzjoni lill-Isqof Labini. Fiha espona li kien hemm persuna devota li kienet lesta li tagħmel a spejjeż tagħha, kwadru ta' Santa Klara, biex jitqiegħed fuq l-altar tal-Immakulata Kunċizzjoni. Għal dan il-għan, din kienet lesta ċċedi favur l-istess qaddisa u l-altar, mal-ħamsa u għoxrin skud applikat f'kapital bollali, bl-interess ta' sitta fil-mija li kienu rreġistrati fl-Atti tan-Nutar Feliċ Grech tal-31 ta' Lulju 1789. Dan kien ser jingħata bl-obbligu li kull sena, mill-interess tal-istess kapital, issir Quddiesa kantata fil-festa ta' Santa Klara. Iżda f'każ li maż-żmien dan il-kapital jintilef, l-obbligu marbut miegħu kien jispiċċa. Għaldaqstant, il-Kapitlu Elenjan talab lill-Isqof biex jagħtihom il-fakultà li jaċċettaw din l-għotja. L-Isqof Labini ta l-kunsens tiegħu fit-22 ta' Diċembru 1789 waqt l-istess Viżta Pastorali.[6]



*Kwadru Santa Klara*

**L-Invażjoni Franċiża fl-1798 u l-Irvell u l-Imblokk tal-Franċiżi (1798-1800)**

Fl-10 ta' Ġunju 1798, tfaċċat quddiem Malta l-armata Franċiża. 'L għada, il-Franċiżi niżlu l-art u wara reżistenza dgħajfa, nhar it-12 ta' Ġunju, il-Kavallieri, wara ħakma ta' mitejn u tmienja u sittin sena (1530-1798) ċedew u Malta għaddiet f'idejn il-Franċiżi. Fi żmien l-invażjoni Franċiża, il-Prepostu Arċipriet kien Dun Pietru Pawl Micallef filwaqt li s-Sindku tar-raħal kien Girgor Gatt.[7]

Iżda minħabba diversi raġunijiet, fit-2 ta' Settembru 1798, beda l-irvell tal-Maltin kontra

5 A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili), Viżta Pastorali Labini 1789, ff. 122r, 126r, 126v.
6 A(rkivju) N(otarili) V(alletta), Atti tan-Nutar Feliċ Grech. Kopja tal-imsemmija petizzjoni tinsab fil-pussess tal-awtur.
7 L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta)., Univ. 35 (1790-1798) f. 441r. Gregorio Gatt kien maħtur Sindku ta' Birkirkara fit-28 ta' Awwissu 1797.

l-Franċiżi fir-Rabat ta' Malta. Fi żmien jumejn, Malta nqasmet fi tnejn, jiġifieri, l-Imdina u l-kampanja, inkluż Għawdex, kienu f'idejn il-Maltin filwaqt li l-Franċiżi sabu ruħhom imblukkati fil-Belt Valletta u l-Furjana, fil-Kottonera u fil-fortizzi Manoel, Tignè u Ricasoli.

Fuq inizjattiva tal-Prepostu, il-Kan. Dun Pietru Pawl Micallef u l-Kanonku Penitenzier tal-Katidral Dun M. A. Dimech, twaqqfet Assemblea Nazzjonali biex tikkordina l-kawża nazzjonali kontra l-Franċiżi.[8] Fost il-miżuri li ttieħdu kien hemm it-twaqqif ta' battaljuni fl-irħula kollha.[9] B'kollox twaqqfu wieħed u għoxrin battaljun fosthom dak ta' Birkirkara.[10] Dan kien l-akbar wieħed għax meta spiċċa l-Imblokk f'Settembru 1800, insibu li kellu fih erba' mija u tmienja u sebgħin ruħ.[11] L-ispiża għall-manteniment ta' dan il-battaljun kienet titla' għal mija u sitta u erbgħin skud kuljum.[12]

Biex jinġabru l-flus għall-manteniment tal-battaljun, sar self minn xi prokuri tal-Knisja u minn diversi individwi. Fil-fatt, insibu li kien hemm xi Prokuri tal-Knisja li silfu xi flus għal dan il-għan u li dawn kienu l-Prokura tal-Altar taċ-Ċintura, magħruf ukoll bħala ta' San Filippu Neri li silfet ħamsin skud,[13] il-Prokura tal-Altar ta' Sant'Andrija li ħarġet għoxrin skud u l-Prokura ta' San Kostantinu li ħarġet is-somma ta' tliet mija u tminn skudi.[14]

Iżda minbarra s-self minn dawn il-Prokuri, xi kanonċi u saċerdoti ħarġu wkoll flus għal dan il-għan. Hawn insemmu lill-Kan. Ġwanni Gauci li offra ħamsa u tletin skud; il-Kan. Anton Sciberras u ħuh Giovanni li taw mija u għaxar skudi; il-Kan. Ġwakkin Ciantar offra mija u sitta u sittin skud;[15] il-Kan. Ġużeppi Fenech ta tlieta u disgħin skud;[16] Dun Ġwann Battista Briffa ta sebgħa u għoxrin skud u Dun Raffaele Re offra sittin skud.[17] Wara li spiċċa l-Imblokk, il-Gvern Ingliż assuma r-responsabbiltà li jħallas lura dawn is-somom ta' flus.[18]

### Il-Korp Sant ta' San Kostantinu

Ma nafux eżatt meta r-relikwiji ta' dan il-qaddis waslu fil-Parroċċa Elenjana. Iżda nafu b'ċertezza li kienu diġà hemm fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi meta nsibu li l-Prokura magħrufa bħala *Cassa del Martire San Costantino* silfet is-somma ta' *308 scudi e tarì 4 altre volte raccolte dal popolo per la Cassa del detto santo e poi impiegati a beneficio del battaglione di*

8 Carmel Testa, *The French in Malta (1798-1800)*, Midsea Books, Malta 1997, 291.

9 Ibid., 67.

10 A(rkivju) K(atidral) M(alta) Misc. 136 *Notizie sul Blocco 1798.*

11 Carmelo Testa, *Maż-Żewġ Naħat Tas-Swar* (Vol. 3), Klabb Kotba Maltin, Malta 1982, 737.

12 A.K.M., Misc 136, *Notizie Blocco 1798*, f. 72r.

13 A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) PS/01/3, 289.

14 Ibid., Ps/01/3, 307, 32v, u PS/01/2, 311.

15 A.N.M., PS/VI/3, 286, 296, 301.

16 L.N.M., *Univ.* 562.

17 A.N.M. PS/01/3, 284 u 290. Iżda minbarra l-kanonċi u s-saċerdoti fuq imsemmija, ħarġu ukoll flus għall-istess skop, il-Kan. Dun Pietru Gatt li ħareġ mitejn u ħamsa u għoxrin skud u l-Kan. Dun Franġisk Debono li ħareġ ħamsin skud. Ara A.M. PS/01/2, 273 u 353.

18 *National Museum of Fine Arts Valletta: Ball Papers*, Proklama 7-VI-1804 bil-firma ta' Alexander Macaulay.

*Birchircara.*[19] Mill-Atti tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Labini ta' Jannar 1802, nafu li dan il-Korp Sant kien jinsab fl-Altar tad-Duluri fejn għadu jinsab sal-lum. Nafu wkoll li fis-seduta tal-Kapitlu li saret fl-14 ta' Settembru 1801, saret il-ħatra tal-Prokuratur Paolo Bartolo għall-imsemmi Altar li fih kien hemm il-Korp Sant ta' San Kostantinu. Il-ħatra tal-imsemmi Bartolo ġiet ikkonfermata mill-Isqof Labini waqt il-Viżta Pastorali fit-28 ta' Jannar 1802.[20] Il-ħatra ta' dan il-Prokuratur baqgħet issir fis-snin ta' wara. Fil-fatt, f'seduta Kapitulari li saret f'Mejju 1834 tissemma l-elezzjoni *del procuratore del Corpo Santo di San Costantino Martire.*[21]



*Korp Sant ta' San Kostantinu*

**Is-Segretarju tal-Kapitlu bejn l-1802 u l-1820**

Kull Kapitlu kien ikollu s-Segretarju tiegħu, li fil-kas tal-Kapitlu ta' Birkirkara, wara xi żmien beda jissejjaħ il-Kanċillier. Mill-Atti tal-Viżta Pastorali ta' Jannar 1802 nafu li s-Segretarju tal-Kapitlu kien il-Kan. Ġużepp Fenech.[22] Fl-1811, is-Segretarju kien il-Kan. Andrea Borg[23] filwaqt li f'April tal-1820, is-Segretarju kien il-Kan. Ġużepp Borg.[24]



*Samuel Taylor Coleridge*

**Kampnar mhux mitmum**

Samuel Taylor Coleridge kien ġie Malta fl-1804 biex jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Gvern. Waqt li kien f'Malta mal-Kummissarju Ċivili Sir Alexander Ball R.N. (1803-1809) mar sabiex jara l-irħula fiċ-ċentru tal-gżira. Fost l-affarijiet li laqtuh waqt din iż-żjara kienet il-Kolleġġjata Elenjana li huwa ddeskriviha bħala *a noble church.* Iżda Coleridge innota li din il-knisja kellha *one tower unfinished* u kkonkluda li dan kien baqa' hekk minħabba nuqqas ta' fondi.[25] Coleridge stqarr ukoll li *it would be a popular act of the government to complete its tower.*[26]

19 A.N.M., PS/VI/2, 311.
20 A.K.A., Viżta Pastorali Labini 1802, ff. 102v, 103r.
21 Arkivju Kapitulari Birkirkara, Seduta Kapitulari 2.V.1834, 71-75.
22 A.K.A., Viżta Pastorali Labini 1802, f. 103r.
23 Ibid., Viżta Pastorali Mattei 1809, f. 238v.
24 Ibid., Viżta Pastorali Mattei 1820, f. 145v.
25 Donald Sultana, *Samuel Taylor Coleridge in Malta and Italy,* Blackwell Publishers, Londra 1969, 232 - 233.
26 Ibid., 328.

**Il-Kanonku Ġwakkin Ciantar**

Dun Ġwakkin Ciantar kien Saċerdot li ta servizz twil lill-Kolleġġjata Elenjana. Inħatar Kanonku permezz ta' Bolla Appostolika mogħtija minn Ruma fl-20 ta' Diċembru 1750.[27] Huwa ħa l-pussess fl-10 ta' Marzu 1751.[28] Fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Labini tal-1789, inħatar Prokuratur tal-knisja tal-Vitorja u Puntatur tal-Kolleġġjata.[29] Fi żmien l-Imblokk għen fil-kawża nazzjonali billi silef is-somma ta' mija u sitta u sittin skud lill-battaljun ta' Birkirkara.[30]

Dun Ġwakkin kellu ħuh Franġisku li kien ukoll saċerdot.[31] Flimkien għamlu testment fl-Atti tan-Nutar Benedetto Falzon tal-21 ta' April 1801 fejn, fost dispożizzjonijiet oħra, ħallew b'titlu ta' legat lill-Fratellanza tar-Rużarju mwaqqfa fil-Kolleġġjata Elenjana, biċċa art li kellha tgħaddi f'idejn il-Fratellanza wara l-mewt tal-aħħar wieħed mit-testaturi. Il-Prokuratur tal-Fratellanza iżda kellu l-obbligu li mid-dħul mill-istess art jew għalqa, ta' kull sena, jiċċelebra n-novena tal-Milied b'disa' quddisiet solenni u prietka ta' kuljum u dan skont kif kienet qed tagħmel il-Fratellanza f'dak iż-żmien għalkemm mingħajr ebda fundazzjoni.[32]

Mill-Atti tal-Viżta Pastorali tal-1802, nafu li l-Kanonku Ciantar kien ilu Kanonku tnejn u ħamsin sena u li kien l-iżjed Kanonku anzjan tal-fundazzjoni Filippina.[33] Huwa miet fit-22 ta' Ottubru 1804 fl-età ta' erbgħa u tmenin sena.[34]

**Il-Kanonku Dun Ġużepp Debono jinħatar *Maestro di Cappella***

Fil-31 ta' Awwissu 1804, is-Segretarju tal-Gvern, Dr. Giuseppe Nicolo Zammit, kiteb lill-Logutenent ta' Birkirkara, Vinċenz Borg. Fost affarijiet oħra qallu li kellu xi ħaġa xi jgħidlu *da parte di S. E. (il-Kummissarju Ċivili Sir Alexander Ball) al Sig. Canonico Debono, Maestro di Cappella. La prego di dirgli che lo voglio parlare del più presto.*[35]

Min kien il-Kan. Debono? Kien iben Ġustu u Anna.[36] Ismu jidher mal-lista tal-Kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali ta' Diċembru 1789. Mill-Atti tal-istess Viżta nafu li ġie maħtur Prokuratur tal-knisja ta' San Anard (tal-Minsija).[37] Kellu wkoll il-kariga ta' Prokuratur tal-Qalb ta' Ġesù. Kien il-kompożitur ta' bċejjeċ mużikali li wħud minnhom jinsabu fil-Mellieħa. Miet fit-3 ta' Lulju 1829 fl-età ta' tmienja u sebgħin sena.[38]

---

27 L.N.M., 1075.

28 Vincent Borg, *Tifkiriet fl-Okkażjoni t'Għeluq il-50 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Erba' Qassisin Karkariżi*, Programm Festa Sant'Elena 2006 maħruġ mill-Kummissjoni Kapitulari, 95.

29 A.K.A., Viżta Pastorali Labini 1789, ff. 126r, 126v.

30 A.N.M., PS/01/3, 301.

31 Vincent Borg, *Tifkiriet fl-Okkażjoni t'Għeluq il-50 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Erba' Qassisin Karkariżi*, Programm Festa Sant'Elena 2006 maħruġ mill-Kummissjoni Kapitulari, 95.

32 A.N.V., Atti tan-Nutar Benedettu Falzon, 21.IV.1801.

33 A.K.A., Viżta Pastorali Labini 1802, f.110v.

34 A(rkivju) P(arrokkjali) B(irkirkara) Sant'Elena, *Liber Mortuorum* 1804.

35 A.N.M., PS/01/2 *Letter to the Luogotenente di Birkirkara*, 31.VIII.1804, 9.

36 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.

37 A.K.A., Viżta Pastorali Labini 1789, ff. 122r, 126v. Billi ismu ma jidhirx fil-lista ta' Kanonċi Elenjani tal-1781 (ara L.N.M. 1075) dan jindika li sar Kanonku f'xi żmien bejn l-1781 u l-1789.

38 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.

## L-Ewwel żewġ Kanonċi Teżoriera

Kien il-Kan. Dun Perin Borg (1708-1788) li permezz ta' att ta' donazzjoni fl-Atti tan-Nutar Pietru Pawl Gonzi, waqqaf erba' Kanonikati ġodda fil-Kolleġġjata Elenjana, fosthom id-dinjità ta' Kanonku Teżorier. Din il-fundazzjoni ġiet approvata u aċċettata mill-Kapitlu u approvata mill-Isqof Labini fil-31 ta' Lulju 1787.

Bħala l-ewwel Kanonku Teżorier tal-Kolleġġjata, Dun Perin, sa mill-24 ta' Diċembru 1774 innomina lil Dun Saver Pace. Fit-18 ta' Lulju 1787, Dun Perin talab lill-Isqof biex jaċċetta din in-nomina.[39] Jidher li dan kien aċċettat mill-Isqof għax fil-Viżta Pastorali tiegħu tal-1789 insibu l-isem ta' Dun Saver Pace bħala Kanonku Teżorier tal-Kapitlu Elenjan.[40] Dun Saver kien membru tas-*Sodalità dei Preti* mwaqqfa fl-1664 fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Huwa miet fil-Belt Valletta fil-25 ta' Ottubru 1798, jiġifieri, fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi.[41]

Is-suċċessur tiegħu fid-dinjità ta' Teżorier jidher li kien il-Kanonku Dun Vinċenz Bonnici. Fis-Seduta Kapitulari tal-14 ta' Ottubru 1801, li fiha l-Kapitlu ħatar il-Prokuraturi, insibu li t-Teżorier Bonniċi ngħata żewġ karigi. Dan ġie maħtur bħala wieħed miż-żewġ assistenti tal-Prokuratur tal-*Veneranda Fabrica* u Prokuratur tal-Altar ta' San Duminku li llum huwa ta' San Ġużepp.[42] Il-Kan. Teżorier Bonniċi miet f'xi żmien bejn Mejju tal-1804 u Diċembru tal-1805.[43]



***Il-Prepostu Franġisk Sammut***

## Il-Pesta tal-1813 u l-1814

Bejn April 1813 u Jannar 1814 Malta nħakmet minn imxija ta' pesta u b'kollox mietu erbat elef ħames mija u tnejn u sebgħin ruħ.[44] Birkirkara kien wieħed miċ-ċentri li ntlaqtu sewwa minn din l-imxija u fiha mietu mitejn u wieħed u tmenin ruħ.[45] F'dak iż-żmien diffiċli, Dun Franġisk Sammut (1807-1832) kien Prepostu Arċipriet. Huwa ddistingwa ruħu matul din l-imxija *quando l-attivo suo zelo ed i numerosi suoi atti di carità furono molto cospicui.*[46]

---

39 Kan. Vinċenz Buhagiar, *Tagħrif fuq il-Parroċċa Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena Birkirkara,* San Ġwakkin Press, Malta 1984, 72, 74.

40 A.K.A., Viżta Pastorali Labini 1789, f. 122r.

41 *Serie dei Secretari e Moderatori della Veneranda Sodalità dei Preti eretta nell'anno 1664, formati nel 6 Aprile1842,* 21.

42 A.K.A., Viżta Pastorali Labini 1802, f. 102v.

43 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.

44 Paul Cassar, *The Medical History of Malta,* Wellcome Historical Medical Library, 1965, 176, 185-186.

45 G. M. De Piro, *Ragguaglio della Pestilenza Storica che afflisse le Isole di Malta e Gozo (1813-1814),* Bertani, Antonelli E. C., Livorno 1833, 34, 36 u Appendice III.

46 *Malta Government Gazette,* 2.1.1833.

Matul din l-imxija miet membru tal-Kapitlu Elenjan, jiġifieri, Dun Anton Sciberras li ma nafux jekk mietx bil-pesta jew le.[47] Isem il-Kan. Sciberras jidher fil-lista ta' Kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali tal-1802.[48]

## Ċerimonjier tal-Kapitlu jinħatar Kappillan ta' Ħal Balzan fl-1816

Fl-Atti tal-Viżta Pastorali tal-1809 insibu li r-Rev. Dun M. A. Borg kien iċ-Ċerimonjier tal-Kapitlu Elenjan.[49] Fis-sena ta' wara, fis-7 ta' April 1810, Dun M. A. Borg, li kien lawrijat fil-Liġi Ċivili u Kanonika (J.U.D.), ġie ordnat saċerdot.[50] F'Awwissu 1815 inkiteb biex jieħu sehem fil-konkors jew l-eżami għall-kariga ta' Kappillan ta' Ħal Għaxaq. Huwa stqarr li kellu tletin sena, li f'dak iż-żmien kellu l-kariga ta' Vigarju Kurat f'Ħal Balzan u li għal sitt snin kien iċ-Ċerimonjier tal-Kapitlu Elenjan.[51] Huwa nħatar Kappillan ta' Ħal Balzan f'Settembru tal-1816.[52]

## Talba għal Salib Pettorali (1826)

Meta fil-5 ta' Diċembru 1630 twaqqfet il-Kolleġġjata Elenjana bil-Bolla tal-Papa Urbanu VIII, bl-istess Bolla, il-Kanonċi Elenjani kienu awtorizzati jilbsu *the whole of the decorative insigna of the Conventual Chaplains of the Order of Malta, one of which was a cross of Malta on the breast.* Iżda għal xi raġuni l-Kanonċi Elenjani qatt ma għamlu użu minn din il-konċessjoni.

Mal-mogħdija taż-żmien, sal-1822, twaqqfu erba' Kapitli Kolleġġjali oħra li huma dak ta' San Pawl tal-Belt fl-1733, fl-Isla fl-1786, fil-Belt Vittoriosa fl-1820 u fil-Belt Cospicua fl-1822. Għaldaqstant, fl-1826, il-Kanonċi ta' Birkirkara għamlu talba lill-Gvernatur Lord Hastings (1824-1826) li fil-qasir kienet tgħid hekk:

*Being desirous of applying to the Holy See for the decoration of the Cross, which the other Malta churches juniors to theirs are always vested with, they pray for H.E.'s sanction previous to petitioning the See of Rome.*

Il-Gvernatur permezz tal-Aġent Segretarju Prinċipali tal-Gvern William Sim, fis-7 ta' Ġunju 1826, bagħat din ir-risposta favorevoli:

*His Excellency the Governor, having taken into consideration the great antiquity of the Collegiate Church of Casal Birkirkara, consents to the application being made by the petitioners to the Holy See, for the decoration they are desirous of obtaining.*

---

47 A.N.M., PS/VI/3 *Letter to the Logotenente di Birkirkara,* 24.IX.1813.

48 A.K.A., Viżta Pastorali 1802, f. 100v.

49 A.K.A., Viżta Pastorali Mattei 1809, f. 279v.

50 J. Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000,* Malta 2001, 6.

51 A.K.M., C.E.M. Concorsi 1, Għaxaq 1815, ff. 116r, 131r.

52 Achille Ferres, *Descrizione delle chiese di Malta e Gozo,* Malta 1866, 512.

Wara li akkwistaw il-kunsens tal-Gvernatur, il-Kanonċi Elenjani ppreżentaw petizzjoni lis-Santa Sede li fiha talbu li jkunu jistgħu jilbsu *a plain cross of gold in the nature of those worn by the other chapters.*

Flimkien mal-petizzjoni, il-Kanonċi bagħtu wkoll ċertifikati rakkomandatorji, iffirmati mill-Kappillani ta' Malta, mid-Dinjitarji u l-Kanonċi tal-Kapitli Kolleġġjali tal-Isla, il-Birgu u Bormla, mill-kapijiet u membri tal-għaxar kunventi tal-Patrijiet f'Malta, mill-abitanti rispettabbli ta' Birkirkara, mis-Sindku tat-tielet distrett u r-rappreżentanti tal-*Propaganda Fidei.*

Iżda din it-talba baqgħet pendenti u sa l-1855 kienet għadha pendenti. L-uniku ostaklu għall-għotja ta' din id-dekorazzjoni lill-Kanonċi Elenjani kien dubju *lest other decorations should be asked for other parties.*[53] Fil-fatt, il-Kanonċi Elenjani kellhom jistennew sal-1861 biex jingħataw l-użu tas-Salib Pettorali.

**Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Kanonku fl-1829**

Fit-8 ta' Marzu 1829, l-Arċisqof Mons. Ferdinando Mattei, fil-preżenza taċ-Ċerimonjier Djoċesan Dun Vinċenz Chapelle u ta' Dun Franġisk Caruana Dingli S.Th.D., għamel Ordinazzjoni fil-kappella tad-dar tiegħu f'San Ġiljan, li fiha ġie ordnat biss saċerdot wieħed. Dan kien id-Djaknu Luigi Borg minn Birkirkara.[54] L-imsemmi Borg, li kien neputi ta' Vincenzo Borg (Brared), kien twieled fl-1805 u ġie mgħammed fil-Kolleġġjata Elenjana mill-Prepostu Arċipriet, il-Kan. Pietru Pawl Micallef fil-15 ta' Settembru 1805.[55] Huwa sar membru tal-Kapitlu Elenjan f'xi żmien qabel l-Ordinazzjoni Saċerdotali.

**Il-festa ta' Sant'Elena bejn l-1833 u l-1838**

Fl-aġenda tas-Seduta Kapitulari tal-25 ta' Lulju 1833 kien hemm il-purċissjoni tal-festa ta' Sant'Elena u ġie deċiż *che si deve seguitar come il solito.*[56]

Il-festa ta' Sant'Elena tas-sena 1837 żgur li ma saritx bis-solennità mistħoqqa minkejja l-fatt li fil-knisja kienet għadha kemm inġiebet il-vara titulari ta' Sant'Elena, xogħol Salvu Psaila u rigal ta' Ċensu Borg (Brared). Dan minħabba li dak iż-żmien kien hemm l-imxija tal-kolera. Fl-istess ġimgħa tal-festa, jiġifieri, bejn is-16 u t-22 ta' Awwissu, f'Birkirkara kien hemm tliet każijiet ġodda ta' kolera u mietu żewġ individwi.[57]

53 A.N.M., *Petitions Reid* Vol. 8, No. 1837.
54 A.K.M., C.E.M. R.V. 13 *Ordinationes Sacræ* (1808-1829).
55 A.P.B., S. Elena *Liber Baptizatorum X*, 1800-1818.
56 A.K.B., Seduta Kapitolari, 25.VII.1833.
57 M.G.G., 23.VIII.1837, 304.

Iżda fis-sena ta' wara, l-1838, il-festa reġgħet saret bħas-soltu. Gazzetta lokali għamlet dawn il-kummenti dwar il-festa tal-1838:

*Il concorso al casale di Birchircara per vedere i magnifiċi fuochi d'artifiċio la sera di detta festa fù straordinario. Spettacolo imponente e il vedere le moltitudini recarsi allegre e festanti ad onesti divertimenti.*[58]

**Ħatra ta' Tliet Kanonċi Ġodda u Prokuratur fl-1834**

F'Marzu tal-1834, il-Kapitlu Elenjan kellu tliet Kanonċi ġodda li kienu Dun Ġużepp Pace, Dun Kustanz Sant u Dun Mikiel Tonna.[59] Dan tal-aħħar, qabel ma nħatar Kanonku, kellu l-kariga ta' Ċerimonjier tal-Kapitlu.[60] Fit-3 ta' Lulju 1834, l-Isqof F. S. Caruana ħatar lil Dun Vinċenz Gauci bħala Prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju mwaqqfa fil-Kolleġġjata Elenjana.[61]

**Il-festa tal-Madonna tad-Duttrina ssir festa Prepositali fl-1835**

Fis-seduta kapitulari li saret fid-9 ta' Lulju 1835 ittieħdet deċiżjoni importanti b'rabta mal-festa tal-Madonna tad-Duttrina. Sa dak iż-żmien, din il-festa kienet issir fl-ewwel jum ta' Pentekoste. Iżda f'din is-seduta, il-Kapitlu Elenjan iddeċieda li din il-festa kellha tibda ssir fil-Ħadd fl-ottava tal-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej li dak iż-żmien kienet issir il-Ħamis. Iżda fl-istess seduta, il-Kapitlu ddeċieda wkoll li din kellha tkun festa Prepositali *con tutte le solennità solito celebrarsi nelle funzioni Prepositali.*[62]



*L-istatwa l-qadima tal-Madonna tad- Duttrina li llum tinsab fil-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara*

Din id-deliberazzjoni Kapitulari tindika żewġ affarijiet. L-ewwel nett li din il-festa kienet diġà qiegħda ssir fil-bidu tas-snin tletin tas-Seklu Dsatax. It-tieni jidher li din il-festa kienet qiegħda tgawdi ċerta popolarità biex ġiet elevata għall-festi Prepositali. Għall-istorja nixtiequ nżidu li l-festa tal-Madonna tad-Duttrina baqgħet festa Prepositali sal-1996.[63]

58 *Il Mediterraneo,* 22.VIII.1838.
59 A.K.A., Atti Ċivili 1833-1834, ff. 127v, 128r.
60 A.K.A., *Suppliche* 1850-1851, f. 445r.
61 A.K.A., Atti Civili 1833-1834, f. 300r.
62 .A.K.B., Minuti Kapitulari, 9.VII.1835.
63 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.

**Il-Kanonċi Dun Ġużepp Pace u Dun Feliċ Grech**

Fit-8 ta' April 1837, il-Kapitlu Elenjan tilef wieħed mill-membri tiegħu, il-Kan. Dun Ġużepp Pace fl-età żgħira ta' ħamsa u tletin sena.[64] L-imsemmi Kanonku Pace, meta kien għadu Kjeriku, fl-1820 kien jifforma parti mill-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina fejn kien wieħed mill-katekisti.[65] Ġie ordnat Saċerdot fil-25 ta' Marzu 1828[66] u fl-1834 ġie maħtur Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana.[67]

Wara mewtu, fl-20 ta' April 1837, il-Kapitlu Elenjan iltaqa' biex jaħtar Kanonku ġdid[68] u l-għażla tal-Kapitlu waqgħet fuq Dun Feliċ Grech li ħa l-pussess fis-16 ta' Diċembru 1837. Imwieled fl-1810, kien ordnat Saċerdot fid-29 ta' Marzu 1834.[69] Missieru kien in-Nutar Feliċ Grech li ħadem bħala Nutar bejn l-1745 u 1799[70] u li kien inħatar ukoll bħala Ġurat għal Birkirkara fit-22 ta' Awwissu 1776.[71] Fl-1838, il-Kanonku Grech kellu l-kariga ta' Prokuratur tal-Fratellanza tad-Duttrina.[72]




*Il-Kanonku Feliċ Grech*

**Il-Kolera tal-1837**

Fis-sajf tal-1837, bejn Ġunju u Ottubru, il-gżejjer Maltin intlaqtu minn imxija ta' kolera li biha mietu mal-erbat elef mitejn u tnejn u ħamsin ruħ.[73] Birkirkara ntlaqtet ukoll minn din l-imxija li fiha mietu numru ta' residenti. L-agħar ġimgħa għal Birkirkara kienet dik bejn id-19 u l-25 ta' Lulju meta tfaċċaw mija u ħdax-il każ ġdid u mietu tlieta u erbgħin ruħ.[74]

---

64 A.K.A., Suppliche 1852, VII 2, ara wara f. 342.
65 L.N.M., 747, Supplika tal-Prepostu Dun F. Sammut biex titwaqqaf il-Fratellanza tad-Duttrina.
66 J. Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000,* Malta 2001, 15.
67 A.K.A., Atti Ċivili 1833-1834, ff.127v, 128r.
68 A.K.B. Minuti tas-Seduta tal-20 April 1837.
69 Vincent Borg, *Tifkiriet fl-Okkażjoni t'Għeluq il-50 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Erba' Qassisin Karkariżi,* Programm Festa Sant'Elena 2006 maħruġ mill-Kummissjoni Kapitulari, 98.
70 *Guida Generale di Malta e Gozo,* Malta Herald, 1933-1934, 320.
71 L.N.M., A(rkivju) O(rdni) M(alta) Bullarum 580 (1776), f. 245v.
72 A.K.A., *Suppliche* 1835-1838, Vol. 1, f.574v.
73 Paul Cassar, *The Medical History of Malta,* Wellcome Historical Medical Library, 1965, 192, 195.
74 M.G.G., 26.VII.1837, 268.

Matul din l-epidemija, fost is-Saċerdoti li ddistingwew ruħhom fil-qasam pastorali nsibu lil Dun Feliċ Grech u lil Dun Ġanmarì Scicluna. F'dikjarazzjoni li għamel f'Diċembru 1856, il-Kan. Grech stqarr li matul l-imxija tal-kolera, bħala Saċerdot kien jassisti lil dawk milquta mill-marda billi jisma' l-qrar tagħhom, iwassal l-Ewkaristija, jassisti l-agonizzanti u jwassal il-katavru tagħhom saċ-ċimiterju għad-difna.[75]

L-istess servizz ingħata minn Dun Ġanmarì Scicluna li kien ġie ordnat Saċerdot fit-22 ta' Frar 1834.[76] F'petizzjoni magħmula minnu lill-Gvern, datata 1862, huwa stqarr li *in the year 1837 when the cholera was raging in the islands, petitioner affected gratuitously his assistance to the sick and dying in that village (Birkirkara).*[77]

**Il-Mewt ta' żewġ Kanonċi fl-1838**

Fis-6 ta' Jannar 1838 miet il-Kanonku Teologu Dun Karlu Gatt Testaferrata.[78] Jidher li dan kien sar Kanonku qabel ġie ordnat Saċerdot għaliex meta ġie ordnat, fit-28 ta' Frar 1801, kien diġà Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana.[79] Il-Kan. Gatt għamel il-fondazzjoni tal-Vespri u tal-Quddiesa kantata fil-festa tat-Trinità Qaddisa.[80]

Fit-testment tiegħu ħalla *legato vistoso* (legat konsiderevoli) *per l'erezione di qualche opera insigne a pro della Collegiata di Birkirkara.* L-esekutur tiegħu ddeċieda li b'dan il-legat isir il-ventaltar tal-fidda tal-altar maġġur. Id-disinn sar minn Giuseppe Hyzler u x-xogħol kien esegwit mill-arġentier Cannataci tal-Belt Valletta u kien lest sa April 1844.[81]



***Il-ventaltar tal-fidda tal-altar maġġur***

75 A.N.M., *Petitions Reid* Vol. 30, No. 7216.
76 A.K.N., C.E.M., R.0 15 (1831-1847), ff. 41v, 42r.
77 A.N.M., *Petitions Le Marchand* Vol. 29 (1862) No. 7147.
78 A.P.B., *Liber Mortuorum* 1838.
79 J. Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000,* Malta 2001, 5.
80 A.K.M., *Documenti, Volume unico della Prima Visita Pastorale di Mons. Sant 1848-1849.*
81 *L' Osservatore Maltese,* 3.V.1844, 381-382.

Fil-15 ta' Mejju tal-istess sena tal-mewt tal-imsemmi Gatt, il-Kapitlu Elenjan tilef membru ieħor, il-Kan. Dun Ġwann Tonna, li kien membru tas-*Sodalità dei Preti* mwaqqfa fl-1664 fil-knisja, wara Kolleġġjata, ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.[82] L-imsemmi Kanonku kien ġie elett fil-Kapitlu Elenjan meta kien għadu kjeriku. Fil-fatt, jidher bħala kjeriku fil-lista tal-Kanonċi Elenjani fl-Atti tal-Viżta Pastorali tas-17 t' Ottubru 1820.[83] Kien ordnat Saċerdot fl-20 ta' Mejju 1826.[84]

## Kanonku Ġdid għall-Kolleġġjata Elenjana - Dun Ġwakkin Vassallo (1839)

Dun Ġwakkin Vassallo twieled f'Settembru 1793.[85] Fit-triq tiegħu lejn is-Saċerdozju jidher li sab l-għajnuna tal-Prepostu Dun Franġisk Sammut u ta' diversi persuni oħra. Fl-1809, dawn il-persuni ġenerużi għamlu talba lill-Kummissarju Ċivili li fiha talbu *fare un patrimonio sacro a Gioacchino Vassallo di alcuni beni stabili.* Din it-talba ġiet approvata mill-Kummissarju Ċivili fit-18 ta' Novembru 1809.[86]

Dun Ġwakkin Vassallo kien ordnat Saċerdot fis-26 ta' Lulju 1817.[87] Fl-1820, meta twaqqfet il-Fratellanza tad-Duttrina, kellu l-karigi ta' eżaminatur u konfessur.[88] Fl-istess sena, f'Ottubru, waqt il-Viżta Pastorali tal-Isqof Mattei, inħatar Prokuratur tal-knisja ta' San Ġiljan, f'San Ġiljan, magħrufa bħala Ta' Lapsi.[89] Fl-1821, beda jaġixxi bħala Viċi Parroku fil-Parroċċa ta' Birkirkara u għammed għall-ewwel darba fil-21 ta' Novembru ta' dik is-sena.[90] Dam ħafna snin fil-kariga ta' Viċi Parroku.[91]

82 *Serie dei Moderatori e Segretari della Ven. Sodalità dei Preti (1664),* 25.
83 A.K.A., Viżta Pastorali Mattei 1820, f. 144r.
84 A.K.A., *Ordinationes Sant,* f. 36v.
85 A.K.A., *Recenti Collazioni dei Canonicati di Birchircara 1859-1906,* f. 83r.
86 A.N.M., *Decreti di S. E. l'Amministratore per il Regio Commissario Civile Incominciato 3.XI.1809 al 30.XII.1809,* 1338.
87 J. Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000,* Malta 2001, 9.
88 L.N.M., 747, Supplika tal-Kan. Prepostu Dun Franġisk Sammut biex titwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina.
89 A.K.A., Viżta Pastorali Mattei 1820, f. 148r.
90 A.P.B Birkirkara S. Elena, *Liber Baptizmatorum* 1821.
91 A.K.A., *Recenti Collazioni* op.cit., f. 83r.

**Il-festa tiegħi titlob is-sehem tiegħi!**
**Ma ngergirx, imma nkun pożittiv meta nitkellem fuq il-festa.**
**Ngħin b'mod finanzjarju u bl-aħjar mod li nista'.**
**Ngħin jekk nista' b'mod manwali u**
**nħajjar lin-nies biex jiġu għall-festa.**
**Nipprepara ruħi sewwa bi Qrara u Tqarbina.**
**Nattendi għall-funzjonijiet li jsiru fil-Bażilika fil-ġranet tal-festa.**
**B'hekk, il-festa tiegħi niċċelebraha s-sena kollha.**